

**Dispożittiv**

- 1) *Id-deċiżjoni tat-30 ta' Jannar 2014, li permezz tagħha l-Kummissjoni Ewropea ħadet l-offerta sottomessa minn Vanbreda Risk & Benefits għal-lott Nru 1 fil-kuntest tas-sejħa għal offeriti OIB.DR.2/PO/2013/062/591, dwar l-assigurazzjoni ta' beni u ta' persuni (ĠU 2013/S 155-269617), u tat dan il-lott lil kumpannija oħra hija annullata.*
- 2) *L-Unjoni Ewropea għandha tagħmel tajjeb għad-dannu sostnut minn Vanbreda Risk & Benefits għat-telf tagħha ta' opportunità li tingħata l-kuntratt fuq imsemmi u li tikseb ir-referenzi korrispondenti ta' għoti tal-kuntratt.*
- 3) *Il-kumpliment tat-talba għal kumpens għad-danni hija miċħuda.*
- 4) *Il-partijiet għandhom jittrażmettu lill-Qorti Ġenerali, f'terminu ta' sitt xhur mid-data tal-għoti ta' din is-sentenza, l-ammont, stabbilit bi ftehim komuni, tal-kumpens dovut sabiex isir tajjeb għal dan id-dannu.*
- 5) *Fin-nuqqas ta' ftehim, il-partijiet għandhom jibagħtu lill-Qorti Ġenerali, fl-istess terminu, it-talbiet tagħhom espressi f'ċifri.*
- 6) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 159, 26.5.2014.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali 29 ta' Ottubru 2015 – Giuntoli vs UASI – Société des produits Nestlé (CREMERIA TOSCANA)**

(Kawża T-256/14) <sup>(1)</sup>

**[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark figurattiva Komunitarja CREMERIA TOSCANA — Trade mark internazzjonali figurattiva preċedenti la Cremeria — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]**

(2015/C 429/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Andrea Giuntoli (Barcellona, Spanja) (rappreżentant: A. Canela Giménez, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Palmero Cabezas, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Société des produits Nestlé SA (Vevey, l-Isvizzera) (rappreżentanti: A. Jaeger Lenz u T. Bösling, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-12 ta' Frar 2014 (Każ R 886/2013-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Société des produits Nestlé SA u A. Giuntoli.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) A. Giuntoli huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 253, 4.8.2014.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Ottubru 2015 – Portnov vs Il-Kunsill**

(Kawża T-290/14) <sup>(1)</sup>

*(“Politika barranija u ta’ sigurtà komuni — Miżuri restrittivi adottati fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina — Iffriżar ta’ fondi — Lista ta’ persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi — Inklużjoni tal-isem tar-rikorrent — Rikors għal annullament — Prova tal-fondatezza tal-iskrizzjoni fil-lista”)*

(2015/C 429/27)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Andriy Portnov (Kiev, l-Ukraina) (rappreżentant: M. Cessieux, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: V. Piessevaux u J. P. Hix, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Gauci u T. Scharf, aġenti)

**Suġġett**

Annullament tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 66, p. 1), kif ukoll tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 66, p. 26), sa fejn isem ir-rikorrent ġie inkluż fil-lista ta' persuni, entitajiet u organi li għalihom japplikaw dawn il-miżuri restrittivi.

**Dispożittiv**

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina, huma annullati sa fejn dawn jikkonċernaw lil Andriy Portnov.